MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 813/2001/1

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Paul Portelli**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi hi kredittrici tal-konvenut fis-somma ta' tmint elef u dsatax-il lira maltin u hamsin centezmu (Lm8019.50) bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

Illi ghalkemm debitament interpellat biex jhallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut.

Ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12), m'ghandux :

jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef u dsatax-il lira maltin u hamsin centezmu (Lm8019.50) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri interpellatorji datati t-28 ta' Novembru, 2000 u t-8 ta' Marzu, 2001, u tal-ittra ufficjali datata 26 ta' April, 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-invoices sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit ta' Charles Caligari ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, debitament awtorizzat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istatement anness mac-citazzjoni odjerna hu ntestat bl-isem tas-Socjeta' Day & Son Miller Limited u mhux tas-socjeta attrici u ghalhekk jidher car li l-bejgh tal-merkanzija gie effetwat mill-imsemmija socjeta Day Son & Miller Ltd. u ghaldaqstant is-socjeta' attrici ma ghandha l-ebda interess guridiku fil-kawza odjerna.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut qieghed jammetti t-talba in kwantu ghas-somma ta' erbat elef u tmien mija u tmienja u disghin liri maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm4898.57) u qed jikkontesta l-hlas

tal-bilanc ammontanti ghal tlett elef u mija u ghoxrin lira maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm3120.93) rapprezentanti l-ammont mitlub fl-invoice numru 74061/64, liema invoice qatt ma nghatat lill-konvenut.

Illi t-talbiet fir-rigward tas-somma msemmija ta’ tlett elef u mija u ghoxrin liri maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm3120.93) rapprezentanti l-ammont ta’ invoice numru 74061/64 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kien hemm l-ebda bejgh ta’ merkanzija relattiv ghal din l-invoice.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2007 minn fejn jirrizulta li s-socjeta’ attrici kkjarifikat li l-ammont ta’ Lm468.14 jirrappresenta it-taxxa fuq il-Valur Aggunt kif jirrizulta mill-fattura a fol.46. In vista ta din id-dikjarazzjoni l-konvenut ghamel referenza ghat-tieni paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u ddikjara li l-ammont li mhux qed jigi kontestat jammonta ghal Lm4403.43 filwaqt li l-ammont kontestat huwa ta’ Lm3589.07 u dan japplika ukoll ghall-paragrafu tlieta (3) fl-istess nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat

F’dawn il-proceduri s-socjeta’ attrici qed tippretendi li hi kredittrici tal-konvenut fis-somma ta’ tmint elef u dsatax-il

lira maltin u hamsin centezmu (Lm8019.50) rappresentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-istess konvenut fuq inkarigu tieghu stess. B'hekk is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma.

Jirrizulta li l-merkanzija in kwestjoni li nbieghat lill-konvenuti kienet tinkludi "emergency lights u lighting equipment."

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi preliminarjament li l-fattura annessa mac-citazzjoni odjerna hi intestata fuq isem socjeta terza cioe' s-socjeta' Day Son & Miller Limited u mhux fuq isem is-socjeta' attrici. Ghalhekk, skond il-konvenut il-bejgh in kwestjoni sar mill-imsemmija socjeta' terza u kwindi s-socjeta' attrici m'ghandha l-ebda interess guridiku fil-presenti kawza. Inoltre l-konvenut iddikjara li qed jammetti li ghandu jghati parti mill-ammont mitlub u ddikjara ukoll li qed jikkontesta l-parti rimanenti, liema parti rimanenti tirrappresenta l-ammont li hu fatturat fil-fattura numru 74061/64 u dan billi din il-fattura qatt ma nghatat lill-konvenut u billi l-bejgh relattiv qatt ma sar. In vista tal-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2007 il-konvenut qed jammetti li ghandu jghati l-ammont ta' Lm4403.43 filwaqt li qed jikkontesta l-ammont Lm3589.07.

Kwantu ghall-eccezzjoni preliminari tal-konvenut hu minnu li l-fatturi esibiti huma intestati fu isem is-socjeta' Day, Sun and Mirror Limited u mhux fuq isem is-socjeta' attrici. F'dan ir-rigward jirrizulta li fil-1989 l-imsemmija socjeta' Day, Sun and Mirror Limited giet amalgamata fis-socjeta attrici (vide dokument AX1) u ghalhekk illum l-imsemmija socjeta' Day, Sun and Mirror Limited hi essenzjalment parti mis-socjeta' attrici. Skond il-ligi wara li saret din l-amalgamazzjoni s-socjeta' attrici assumiet id-drittijiet u r-responsabilitajiet kollha tas-sopcjeta' l-ohra Day, Sun and Mirror Limited. Konsegwentement is-socjeta' attrici ghandha kull dritt li tagixxi kontra l-konvenut ghall-hlas ta' ammonti li huma pretizi minghand l-istess konvenut. B'hekk l-eccezzjoni li s-socjeta' attrici m'ghandiex interess guridiku fil-proceduri odjerni ghandha tigi rigettata.

Fil-meritu l-konvenut jeccepixxi li huwa qatt ma rcieva l-fattura relattiva ghall-merkanzija in kwestjoni u li l-bejgh relattiv qatt ma sar u cioe' huwa qatt ma xtara l-istess merkanzija in kwestjoni minghand is-socjeta' attrici. Il-konvenut kien jixtri "wholsale" bi prezz tajjeb minghand is-socjeta' attrici biex da parte tieghu jerga jbiegh l-istess merkanzija lill-terzi. In effett fl-affidavit tieghu l-konvenut jammetti li l-merkanzija giet konsenjata lilu u jammetti ukoll li missieru kien iffirma l-fattura relattiva bhala konferma li l-merkanzija.kienet giet konsenjata. Il-konvenut, pero', jghid li s-socjeta' attrici kienet hekk ikkonsenjat il-merkanzija in kwestjoni minghajr ma huwa kien ordna l-istess merkanzija. Kien fuq insistenza tas-salesman tas-socjeta' attrici li gie kkonsenjat lilu "container" mimli "tubi" cioe' mimli bil-merkanzija in kwestjoni. Huwa qal li din il-merkanzija huwa ma ridihx u ma kellux bzonnha. Il-kontenut ta' dan il-container gie skarikat ghand il-konvenut. Il-konvenut jghid li l-prezz tal-merkanzija in kwestjoni kien gholi u inoltre s-socjeta' attrici bdiet tbiegh, bi prezz irhas minn dak li bih huwa xtara, direttamnent lill-klijenti li solitament kienu jixtru minnghandu. Ghal dawn il-motivi l-konvenut isostni li kellu diffikultajiet kbar biex ibiegh il-merkanzija. F'dan ir-rigward il-konvenut kien inkonsistenti meta jghid li ma setghax ibiegh il-merrkanzija in kwestjoni u fl-iistess hin jghid li klijent partikolari (li ma giex prodott biex jixhed) beda jitlob li tigi lilu rifuza d-differenza bejn il-prezz li bih kien xtara minnghand il-konvenut u l-prezz li bih kienet qed biegh is-socjeta' attrici.

Inoltre l-konvenut jghid li dak iz-zmien kien ghaddej minn peridu difficli fin-negozju tieghu u kwindi ma ridtx li jitghabba b'aktar merkanzija u li jkollu aktar dejn x'ihallas. In effett, pero', jirrizulta li l-konvenut zamm il-merkanzija in kwestjoni u jirrizulta ukoll li huwa biegh xi oggetti mill-istess merkanzija.

In effett il-konvenut qed jammetti li ghandu jghati l-ammont ta' Lm4403.43 mis-somma li qed tintalab, filwaqt li qed jikkontesta l-ammont ta'bLm3589.07. Il-konvenut, pero', lanqas ma hallas l-ammont li mhux wed jigi

kontestat. Dan il-fatt sa cert punt jikkonferma dak li qalu ufficjali tas-socjeta’ attrici fis-sens li l-konvenut kien jghid li ma setghax ihallas ghaliex kellu problemi ta’ likwidita’. Jidher inoltre li l-konvenut beda jsostni li huwa qatt ma ftihem mas-socjeta’ attrici dwar il-bejgh in kwestjoni biss wara li nbdew dawn il-proceduri. Qabel il-konvenut qatt ma ressaq din il-pretensjoni. Huwa kien dejjem jipprometti li ser ihallas, pero’ effettivament il-hlas relattiv qatt ma sar.

Dan kollu irendi l-pretensjonijiet tal-konvenut mhux krdibbli. Minn naha l-ohra ufficjali tas-socjeta attrici kkonfermaw li l-bejgh in kwestjoni sar kollu b’mod regolari. Inoltre jirrizulta li l-konvenut ma hallax l-ammont li qed jintalab u lanqas parti minnu. Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut jimmeritaw li jigu rigettati. Mill-banda l-ohra t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u fit-tieni lok tila t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef u dsatax-il lira maltin u hamsin centezmu (Lm8019.50) ekwivalenti ghal tmintax il-elf u dsatax euro u wiehed u erbghin centezmi (€18680.41) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni.u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------